MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 8/2003/1

**Sandro Chetcuti u James Barbara**

**v.**

**L-Avukat Generali u ghal kull interess li jista' jkollhom id-Direttur Generali u Registratur tal-Qorti, id-Direttur u r-Registratur tal-Qorti Ghawdex, George u Loreta konjugi Galea, u Joseph Galea.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

F'din il-kawza r-rikorrenti appellanti qed jilmentaw illi ser jigi lez id-dritt fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq minn tribunal indipendenti w imparzjali, stante li l-Magistrat li qieghed jisma' l-kawza bejnhom u bejn l-appellati Galea, huwa l-istess magistrat li precedentement kien cahad zewg talbiet li huma kienu ghamlu ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni li kienu konnessjoni ma' l-istess kawza.

**Il-Fatti**

Il-fatti inkontestati li taw lok ghal din il-vertenza huma brevement is-segwenti:

1. B'konvenju tas-26 ta' Jannar 2000, l-appellati Galea obbligaw ruhhom li jbieghu lill-appellanti porzjon art fi Triq il-Kantra, Xlendi, Ghawdex.

2. Sussegwentement, kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar l-interpretazzjoni tal-konvenju, u senjatament dwar l-ewwel klawzola tal-istess konvenju[1]. L-appellanti jidher qed jippretendu li huma ghandhom l-ghazla li jissospendu t-twettiq tal-kuntratt definittiv sakemm jinkisbu l-permessi tal-bini fuq din l-art ghal *terraced houses,* fil-waqt li l-appellati Galea qed jinsistu illi l-permessi tal-bini huma biss rilevanti ghall-finijiet ta' pagament ta' parti mill-prezz, u li l-konvenju kien skada.

3. L-appellanti (Chetcuti u Barbara) talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 23/2002 – ara fol. 7 u 8 ta' l-atti) sabiex l-intimati (l-appellati Galea) jigu mizmuma milli *inter alia* jbieghu jew bi kwalunkwe mod jaggravaw il-proprjeta` li dwarha kien sar il-konvenju.

---

[1] L-ewwel klawzola tghid hekk (ara fol. 12 ta' l-atti): *"Bil-prezz ta' mija u hamsin elf lira Maltin (Lm150,000). Ghak-kont ta' dan il-prezz, il-Kompraturi* [Chetcuti u Barbara] *qieghdin ihallsu presenzjalment hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) bhala depositu, li ser jinzamm min-Nutar Dottor Roberta Bisazza u jigi rilaxxjat malli jsiru r-ricerki. Il-Kompraturi jobbligaw ruhhom illi ihallsu is-somma ta' hamsa u tletin elf lira Maltin (Lm35,000) fi zmien tlett xhur minn meta johrog il-premess ta' "terraced houses", u minn meta il-Kompraturi ikollhom in-notifika li jkunu jistghu jinbnew l-imsemmija "terraced houses", fejn imbghad il-Kompraturi ghandhom dritt jaghmlu l-kuntratt u l-Vendituri* [Galea] *jkollhom id-dritt izommu l-ipoteka u/jew il-privilegg ghar-rimanenti bilanc kif rikjest mil-ligi."*

4. Permezz ta’ digriet tas-17 ta’ Gunju 2002, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, sedenti l-Onorevoli Magistrat Dott. Paul Coppini, din it-talba incahdet fuq il-motiv *“billi ma jirrizultax prima facie li r-rikorrenti ghandhom xi jeddijiet li jenhtiegu jigu kkawtelati b’dawn il-proceduri”* (ara fol. 22).

5. Ftit jiem wara, Chetcuti u Barbara ipprezentaw rikors iehor (numru 31/2002) ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni li kien sostanzjalment identiku ghall-ewwel wiehed, izda kien redatt b’izjed dettal (ara fol. 23 sa 28 ta’ l-atti). Permezz ta’ digriet tad-9 ta’ Lulju 2002, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri sedenti l-istess Onorevoli Magistrat Dott. Paul Coppini, irriteniet li c-cirkostanzi kienu ghadhom l-istess bhal dawk meta ntalab il-hrug ta’ l-ewwel mandat ta’ inibizzjoni, u ghalhekk ghal darb’ohra cahdet it-talba[2].

6. Sussegwentement, Chetcuti u Barbara ipprezentaw kawza kontra l-appellati Galea fejn bazikament talbu lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tiddikjara illi l-konvenju tas-26 ta’ Jannar 2000 kien ghadu validu u li konsegwentement tordna li l-appellati Galea jigu mizmuma milli jbieghu jew jaggravaw il-proprjeta` in kwistjoni. Din il-kawza giet assenjata skond ir-*roster* lill-Magistrat Dott. Paul Coppini.

7. L-appellanti – atturi issa f’dik il-kawza – fl-udjenza tat-22 ta’ Ottubru, 2002 (ara fol. 54) eccepew ir-rikuza ta’ l-imsemmi Magistrat, ghaliex irritenew li dan il-magistrat kien *“diga ezamina d-dokumenti u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet principali rigwardanti l-meritu ta’ din il-kawza u ippronunzja ruhu dwarhom f’zewg digrieti separati.”* Din it-talba ghar-rikuza giet michuda fuq il-motivazzjoni illi *“…digriet f’mandat ta’ inibizzjoni ma jaqax taht wahda mir-ragunijiet indikati fl-artikolu 734 tal-Kap. 12, u partikolarment meta il-proviso tal-istess subartikolu jghid specifikament ‘izda dan ma jghoddx ghal decizjoni*

[2] It-tieni digriet ighid hekk: *“Billi kif jammettu l-istess rikorrenti fil-paragrafu (f) tar-rikors odjern, it-talbiet huma identici ghal dawk moghtija fir-rikors l-iehor fl-istess ismijiet (numru 23/2002) degretat fis-17 ta’ Gunju 2002, u ma jirrizulta li kien hemm ebda bdil fic-cirkostanzi in ezami minn dakinhar; Tichad it-talba.”*

*moghtija mill-imhallef meta ma tkunx qatghet definittivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet'…".*

**It-Talbiet u l-Eccezzjonijiet**

Quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali, ir-rikorrenti Chetcuti u Barbara (appellanti f'din l-istanza) talbu li dik il-Qorti:

"1. Tiddikjara illi s-smiegh tal-kawza fuq riferita fl-ismijiet "Sandro Chetcuti et vs George Galea et" (Citaz. Nru. 52/2002) mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri presjeduta mill-Magistrat Dottor Paul Coppini tivvjola l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (applikabbli f'Malta bil-Kap. 319); u

"2. In virtu` tal-poteri lilha moghtija, taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk il-mandati u/jew atti u taghti dawk id-direttivi u r-rimedji li jidhrilha xierqa halli jigu salvagwardjati d-drittijiet taghhom naxxenti mill-imsemmija Artikoli 39 u 6 li qeghdin u se jinkisru kif fuq espost."

Ir-risposta ta' l-Avukat Generali, tad-Direttur Generali u Registratur tal-Qrati u tad-Direttur u Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex tghid hekk (fol. 64):

1. illi huma jopponu t-talbiet tar-rikorrenti stante li l-fatt illi l-kawza 'de quo' qieghda tinstema' mill-istess Magistrat illi iddekreta rikorsi ghal mandat ta' inibizzjoni dwar l-istess meritu ma jimportax bhala konsegwenza n-nuqqas ta' smiegh xieraq fit-termini ta' l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew ta' l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni.
2. Illi huwa pacifiku illi l-mandati kawtelatorji u t-talbiet ghall-hrug taghhom jigu decizi biss abbazi tal-konsiderazzjoni dwar jekk hemmx gustifikazzjoni biex tinghata protezzjoni provizorja 'pendente lite' u abbazi ta' jekk hemmx 'prima facie' dritt x'jigi kawtelat.
3. Huwa ukoll principju stabbilit illi d-decizjoni ta' mandat kawtelatorju ma tippregudikax il-meritu.

4. Fi kwalunkwe kaz, u dan qieghed jigi sottomess ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, il-fatt illi d-decizjonijiet tal-Qorti ta' Ghawdex (Superjuri Civili) huma appellabbli lill-Qorti ta' l-Appell ifisser illi jezisti mezz ordinarju u xieraq ta' rimedju ghal-lanjanzi tar-rikorrenti jekk dawn jirrizultaw fondati u jekk ir-rikorrenti jkollhom interess illi jressquhom wara li tinqata' l-kawza.

Fir-risposta addizzjonali taghhom (fol. 66), id-Direttur Generali u r-Registratur tal-Qorti u d-Direttur u Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex eccepew:

1. Fl-ewwel lok, illi l-esponenti m'humiex legittimi kontradditturi in kwantu huma ufficjali subordinati ta' l-imsemmija Qorti u l-kariga taghhom hija separata u distinta minnha. Illi ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti, kif diretti kontra taghhom, huma nfondati guridikament u jtendu li jilledu l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-qorti garantita fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea. Ghalhekk l-esponenti ghandhom ikunu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju u m'ghandhomx ibati spejjez.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dan, il-pronunzjament tal-Qorti kif presjeduta fl-atti tal-mandat *de quo* ma jilledix id-dritt lamentat mir-rikorrenti fil-kawza citata stante li l-proceduri tas-smigh tal-mandat huma *prima facie*, ta' natura provvizorja u jistghu ikunu degretati *in camera*, waqt li dawk tal-kawza citata quddiem l-istess qorti identikament presjeduta, huma a bazi ta' ezawriment ta' provi ta' fatt u dritt, fejn il-kontestazzjoni tinghata trattament sostantiv milli formali bhal fil-kaz tas-smigh ta' rikors ghal hrug ta' mandat kawtelatorju, liema trattament ikun finalizzat b'sentenza, b'mod li ma tkunx ippregudikata l-massima ta' l-imparzjalita` tal-qorti jew tal-gudikant. Ghalhekk ma tirrizultax sitwazzjoni li tista' tohloq dubju reali dwar oggettivita`.

3. Jorbot ukoll dan ir-ragunament, anke f'dak li tghid il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma' l-istitut tar-rikuza fil-Kapitolu 12, u partikolarment l-artikolu 734(1)(d)(i) u (ii) tieghu, li r-rikorrenti sempliciment

jindikaw minghajr ma jiccitaw, illi jistipula fil-*proviso* tal-paragrafu (d)(ii) tieghu illi: "izda dan (i.e. li l-kawza kienet ga giet quddiem l-imhallef) ma jghoddx ghal decizjoni moghtija mill-imhallef, meta ma tkunx qatghet definittivament il-meritu fil-kontroversja, u lanqas ghal sentenza li tehles *ab observantia."*

4. Inevitabbilment isegwi li r-rikorrenti ghadhom ma ezawrewx ir-rimedju ordinarju disponibbli ghalihom qabel ma adixxew din l-Onorabbli Qorti ghal rimedju kostituzzjonali.

L-eccezzjonijiet ta' l-intimati George u Loreta konjugi Galea u ta' Joseph Galea (ara fol. 60) jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti kienet infondata fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi kien gust illi l-Qorti cahdet it-talba ghar-rikuza, stante li r-raguni tar-rikuza moghtija mir-rikorrenti hija eskluza fil-*proviso* ta' l-Artikolu 734(1)(d)(ii) li tghid li tali rikuza it-talba jew astensjoni ma tapplikax meta d-decizjoni ta' l-imhallef *"ma tkunx qetghet definittivament il-meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet."*

3. Illi hemm differenza bejn l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni u dak ta' kawza proprja. Il-mandati kawtelatorji, partikolarment dak ta' inibizzjoni, jinhargu biss fuq prova *prima facie* sabiex l-intimat jinzamm milli jaghmel xi haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghal jeddijiet tar-rikorrenti sakemm jigi definittivament deciz il-mertu. Fil-proceduri ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, ma taghmilx kunsiderazzjonijiet simili ghal dawk li taghmel f'kawza, u ma tiddecidix dwar il-mertu. Ghaldaqstant, ma hemm xejn li jippreskludi lir-rikorrenti milli jkollhom smiegh xieraq f'kawza li tirrigwarda l-istess mertu ta' mandat ta' inibizzjoni, ghaliex kemm il-kunsiderazzjonijiet kif ukoll il-konkluzjonijiet tal-Qorti huma ta' natura kompletament diversa.

**Is-Sentenza Appellata**

B’sentenza tat-28 ta’ Jannar 2005, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili iddecidiet il-vertenza billi:

(i) illiberat mill-osservanza tal-gudizzju lid-Direttur Generali u Registratur tal-Qrati u lid-Direttur u Registratur tal-Qorti ta’ Ghawdex, spejjez ghar-rikorrenti;
(ii) u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta’ l-Avukat Generali u fil-konfront ta’ George u Loreta konjugi Galea u Joseph Galea, bl-ispejjez ghar-rikorrenti.

L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ikkunsidrat:

**“Legittimu kontradittur**

“L-intimati, Direttur Generali u Registratur tal-Qorti, u d-Direttur u Registratur tal-Qorti ta’ Ghawdex irrispondew li huma m’humiex il-legittimi kontradditturi in kwantu huma ufficjali subordinati ta’ l-imsemmija Qorti u l-kariga taghhom hija separata u distinta minnha.

“Illi skond l-artikolu 181 B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, imma l-Avukat Generali jirrapprezenta lil Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

“Illi fil-kawza fl-ismijiet L. Stafrace noe vs Agent Registratur tal-Qrati et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid 9 ta’ Novembru 1988 ( Vol LXX11 p1 p 127) il-Qorti kienet iddecidiet li r-Registratur tal-Qrati ma kienx il-persuna idonea biex joqghod f’gudizzju tali billi bhala Kap ta’ Dipartiment hu jirrapprezenta lill Gvern fil-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-andament ordinarju ta’ l-amministrazzjoni pubblika inerenti ghal dak id-Dipartiment u l-kwistjoni prezenti (ksur ta’ drittijiet fundamentali minhabba dewmien irragjonevoli ) ma kenitx tidhol f’tali xorta ta’ mansjonijiet.

“Fil-kawza C. Delia et vs Registratur tal-Qrati et deciza fil 25/4/1990 (Vol LXXIV p1 p 91) l-istess Qorti Kostituzzjonali sostniet li r-Registratur tal-Qrati m’ghandux ir-rappresentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f’kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti (ara ukoll G. Xuereb vs Registratur tal-Qrati PA (Kost) 14/3/02 u PA (Kost) E. Mugliette vs Reg. Qrati ta’ Revizjoni ta l-Atti Notarili 12/6/02.

“Illi ghalhekk fid-dawl tal-emendi ghal Artikolu 181 tal-Kap 12 u l-insenjament tal-gurisprudenza in materja fuq citata, jidher li l-eccezzjoni ta’ l-intimati Direttur Generali u Registratur tal-Qorti ghandha tigi milqugha u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

“F’dan il-kaz l-Avukat Generali huwa l-legittimu kontradittur billi huwa jirrapprezenta lil Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern bhal f’dana l-kaz.

**“Rimedji ordinarji**

“L-intimati, Avukat Generali, Direttur Generali u Registratur tal-Qorti u d-Direttur u Registratur tal-Qorti ta’ Ghawdex (ara fol 64) irrispondew ukoll li r-rikorrenti ghadhom ma esawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom. Huma qed jissottomettu li l-fatt illi d-decizjonijiet tal-Qorti ta’ Ghawdex (Superjuri Civili) huma appellabbli lill-Qorti ta’ l-Appell ifisser illi jezisti mezz ordinarju u xieraq ta’ rimedju ghall-lanjanzi tar-rikorrenti jekk dawn jirrizultaw fondati u jekk ir-rikorrenti jkollhom interess illi jressquhom wara li tinqata’ l-kawza.

“Illi d-degriet moghti mill-Magistrat Coppini fejn cahad it-talba ghal rikuza (ara fol 54) mhux appellabbili (ara 738(1) Kap 12) u l-uniku rimedju li r-rikorrenti kellhom f’dak l-istadju kien li jintavolaw il-proceduri odjern. Dwar ir-rikuza tal-Magistrat ir-rikorrenti ma setghux jibqu jistennew sakemm tinqata’ l-kawza ghax anke kieku dak id-digriet kien inappellabbili. Izda fi kwanunkwe kaz ir-rikorrenti

huma ntitolati ghall smigh xieraq mhux biss fl-istadju ta' l-Appell imma anke fl-stadju kollhu tal-proceduri cjoe anke fil-Prim Istanza.

**“Rikuza**

“L-intimati rrispondew fil-mertu li t-talba ghar-rikuza tal-Magistrat koncernat ma taqax taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi tasattivament enumerati fl-artikolu 734 tal-Kap 12.

“Inoltre huma jissottomettu li skond l-artikolu 734(d) (ii) proviso, il-Magistrat kien korrett meta cahad it-talba ghar rikuza billi meta ddeggreta l-mandati ta' inibizzjoni huwa ma kienx qed jaqtgha definittivament il-mertu in kwistjoni bejn il-partijiet u ghalhekk ma kienx prekluz milli jisma l-kawza li r-rikorrenti istitwew fil-Qorti t'Ghawdex dwar l-istess vertenza.

**“Tikkunsidra**

“Illi gie stabbilit mill-Qrati taghna li:

"Anke jekk skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap 12 ma hemmx lok ghall rikuza - anzi jista jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali Sant vs Kummissarju tal-Pulizija 2/4/90; Cachia vs Onor.Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor.Prim Ministru noe et 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96).

“….Indipendentement mill-fatt jekk ic-cirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuza tal-gudikant skond il-ligijiet ta' procedura. Il-parametri ta' dawk il-ligijiet ghandhom jitqiesu li twessghu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxu s-smiegh xieraq.  Irid ghalhekk jigu interpretati fl-ispirtu taghhom u fil-dawl tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza

tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropeja.” (Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et filz-17 ta’ Lulju 1996 (Kost).

“Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk fil-konkret, u mhux fl-astratt, jistax jinghad li hemm jew jista' jkun hemm "bias" fil-gudikant li jirrendi l-operat tieghu soggettivament jew oggettivament parzjali. L-aforisma "justice must not only be done but must be seen to be done" trid tigi valutata fl-isfond tal-kaz partikolari. [PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor.Prim Ministru et 1/11/96; ara wkoll E. T. Rev. Mons. Arcisqof G. Mercieca pro et vs Onor. Prim Ministru noe et 22/10/1984 Kost.).

“L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jiddisponi:

*In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law.*

“L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovvdi:

(1) *Whenever any person is charged with a criminal offence he shall, unless the charge is withdrawn, be afforded a fair hearing within a reasonable time by an independent and impartial court established by law.*
(2) *Any court or other adjudicating authority prescribed by law for the determination of the existence or the extent of civil rights or obligations shall be independent and impartial; and where proceedings for such a determination are instituted by any person before such a court or other adjudicating authority, the case shall be given a fair hearing within a reasonable time*.

“Dwar x’inhu *independent and impartial tribunal,* l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jitolbu li t-tribunal ikun indipendenti u imparzjali. "Indipendenza" tfisser indipendenza kemm mill-partijiet kif ukoll mill-esekuttiv; "Imparzjallita” tista’ tkun soggettiva jew oggettiva. Hija **soggettiva** meta “*the tribunal is subjectively impartial in the sense that its members are free from personal bias*” u **oggettiva** “*whether from an*

*objective point of view there is sufficient appearance of impartiality or whether the guarantees of impartiality in a given situation are such as to exclude any legitimate doubt on the matter*".

"L-imparzjalita' tal-membri tat-tribunal ghandha tkun prezunta sakemm ma tingiebx prova bil-kuntrarju (ara Le Compte, Van Leuven and De Meyeree 23.6.91)

"Fil-kaz in ezami r-rikorrenti m'humiex qed jattakkaw l-imparzjalita soggettiva tal-magistrat koncernat.

"Ir-rikorrenti qed jissottomettu li indipendentement mill-fatt li a termini ta' l- artikolu 734 tal-Kap 12 il-Magistrat Dr.Coppini jista jisma l-kawza dan pero ma jfissirx li m'hemmx jew mhux ser ikun hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq minn tribunal imparzjali. Il-punt li jrid jigi deciz fil-kawza huwa wiehed purament legali u cioe jekk il-konvenju in kwistjoni ghadux validu jew le u dan irid isir billi tigi ezaminat il-klawzola 1, ezercizzju li l-partijiet diga ghamlu fl-atti taz-zewg mandati. It-talbiet tar-rikorrenti fil-kawza huma identici ghal dawk kontenuti fir-rikors ghal hrug tal-mandati ta' inibizzjoni. Ghalkemm il-Magistrat ma ddecidiex definittivament il-mertu in kwistjoni izda meta cahad iz-zewg rikorsi tar-rikorrenti fid-digrieti relattivi huwa ppronnunzja ruhhu dwar il-klawzola 1 ta' konvenju de quo mertu tal-kawza. Ir-rikorrenti jirritjenu li sabiex il-Magistrat wasal ghal tali decizjoni huwa ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet principali maghmula mill-partijiet dwar l-interpretazzjoni ta' klawzola 1 mertu tal-kawza u ghalhekk ppronnunzja ruhu dwar dak li jirrapprezenta l-punt krucjali fil-kawza li issa giet quddiem l-istess magistrat.

**"Tikkunsidra**

"Illi biex jinhareg mandat ta' inibizzjoni l-Qorti trid taccerta ruhha li r-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet; u li jekk il-mandat ma jinharigx bil-pregudizzju li jinholoq ma jkollu ebda rimedju ghalih.

“F’dak l-istadju l-Qorti ma tkun qed tidhol fil-mertu tal-kontroversja bejn il-partijiet, izda tkun qed tara jekk jirrizultawx l-elementi imsemmija rikjesti milli ligi u jekk tkun sodisfatta li hemm ragunijiet prima facie ghaliex it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha, tordna li jinhareg il-mandat. F’dan l-istadju l-Qorti ma tkunx qed tiddeciedi l-mertu bejn il-partijiet. L-iskop tal-hrug tal mandat ta’ inibizzjoni mhux biex jigi deciz jekk ir-rikorrenti ghandhomx dritt jew le fil-kontroversja imma l-iskop huwa biex jitolbu protezzjoni provvisjorja sakemm tigi deciz definittivament il-kontroversja u b’hekk il-posizzjoni bejn il-partijiet ma tigix pregudikata irrimedjabillment. Ghalhekk il-konsiderazzjonijiet li taghmel il-Qorti qabel tordna l-hrug tal-mandat jew tichdu, mhumiex l-istess bhal dawk li taghmel meta tkun ser taghti decizjoni finali fuq il-mertu. Il-finalita’, cjoe fejn trid tasal il-Qorti hija differenti – wahda hija protezzjoni provvisjorja u l-ohra hija decizjoni finali fil-mertu. Anke l-konsiderazzjonijiet li taghmel il-Qorti huma differenti ghax il finalita hija differenti. F’wahda tara jekk prima facie hemmx l-elementi ghal hrug tal-mandat u fl-ohra jekk ir-rikorrent ghandux ragun fil-mertu.

“Dina d-distinzjoni hija rikonoxxuta fil-Kodici, Kap 12 fil-provviso tal-artikolu 734(d)(ii) fejn tirreferi ghal fatt li l-materja ma giex deciza definittivament. Inoltre, jigi rilevat li l-artikolu 736, biex jikkonferma dan, jipprovvdi fl-istess sens li ebda wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 734 (dwar rikuza) ma jzomm lill-Imhallef milli jiffirma, meta mehtieg, citazzjonijiet u mandati.

“Kwantu ghall dak sottomess mir-rikorrenti fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, il-posizzjoni fir-rigward tal-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni ma tistax tigi mqabbla mal kaz ta’ ritrattazzjoni billi fir-ritrattazzjoni l-ewwel Qorti tkun iddecidiet il-mertu tal-kontroversja u mhux harget protezzjoni kawtelatorja. L-istess ghandu jinghad ghal kwistjoni tal-Magistrat inkwirenti li jkun mexxa l-inkjesta u li mbaghad ma jkunx jistax jisma l-kumpilazzjoni fejn ikun ser jiddeciedi fuq fatti li dwarhom huwa jkun diga esprima opinjoni u ha decizjonijiet dwar il-persuna imputata.

"Ghalhekk b'riferenza ghat test oggettiv fuq imsemmi, u cjoe jekk f'dan il-kaz kienx hemm cirkostanzi oggettivament riskontrabbli li jnisslu dubbju legittimu dwar l-imparzjalita' tal-Qorti, ghalkemm quddiem il-Magistrat Coppini gew prezentati dokumenti u saru sottomissjonijiet huwa evalwahom biss sabiex jiddeciedi jekk gewx sodisfatti l-elementi rikjesti skond l-artikolu 873 tal-Kap 12 sabiex jinhareg il-mandat ta' inibizzjoni. Huwa ma ppronunzjax ruhhu dwar il-mertu tal-kaz u l-konsiderazzjoni li huwa ghamel tal klawzola 1 kien biss biex jigi determinat jekk kellux jinhareg il-mandat u mhux biex jiddeciedi jekk ir-rikorrenti ghandhom ragun jew le fil-mertu. Il-Magistrat bl'ebda mod ma ddecidieda l-vertenza definittivament."

**L-Appell**

Minn din is-sentenza, gie intavolat appell mir-rikorrenti Sandro Chetcuti u James Barbara. L-aggravji taghhom jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. illi minkejja n-natura diversa taz-zewg proceduri, u cioe` l-proceduri tas-smiegh ta' mandat ta' inibizzjoni, u l-proceduri tas-smiegh ta' kawza, f'dan il-kaz partikolari dak li jrid jigi deciz fil-kawza bejn l-appellanti u l-appellati Galea huwa kompletament identiku ghal dak li diga' gie deciz mill-istess Magistrat.

2. illi l-kawza li giet ipprezentata minnhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tikkostitwixxi "appell" mid-digrieti li nghataw mill-istess Qorti meta din cahdet ghal darbtejn iz-zewg rikorsi intavolati minnhom ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' l-intimati Galea. Ghalhekk ma ghandux ikun l-istess Magistrat Coppini li jisma' din il-kawza, meta t-talbiet kif dedotti fir-rikors ta' l-appellanti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huma identici ghat-talbiet taghhom kif dedotti fic-citazzjoni.

Fir-risposti taghhom l-appellati irribadew s-sottomissjonijiet taghhom quddiem l-ewwel Qorti, u ziedu jghidu illi c-citazzjoni intavolata mir-rikorrenti m'hijiex

wahda biex timpunja d-digriet fl-att kawtelatorju, izda hija dwar il-meritu tal-kontroversja bejn ir-rikorrenti u l-intimati Galea.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Permezz ta' l-ewwel aggravju, l-appellanti jinsistu li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern jezisti nuqqas ta' imparzjalita` oggettiva[3] billi t-talbiet fiz-zewg rikorsi ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, ir-risposti ta' l-intimati (l-appellati Galea f'dawn il-proceduri) u d-dokumenti annessi maz-zewg risposti huma rispettivament identici ghat-talbiet taghhom u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenuti Galea fil-kawza li l-appellanti qieghdin jissottomettu li m'ghandhiex tinstema' mill-Magistrat Coppini. Skond l-appellanti, dawn ic-cirkostanzi partikolari kellhom iwasslu ghall-konkluzjoni illi l-Magistrat Coppini diga ippronunzja ruhu dwar il-meritu tal-kawza, meta iddecieda z-zewg digrieti fil-proceduri ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Huma jghidu illi *"…jifhmu illi hemm differenza bejn digriet ta' Qorti rigwardanti mandat kawtelatorju u l-eventwali sentenza li tiddisponi mill-mertu ta' kawza fis-sens illi fil-waqt illi l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jsir fuq bazi ta' prima facie, sentenza tinghata wara ezawriment tal-provi kollha. Huma jissottomettu madanakollu illi dak li huwa importanti huwa li l-konsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju akkademiku in abstracto izda li dan ikun wiehed in concreto."*

Kif sewwa irriteniet l-ewwel Qorti, huwa principju ormai pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin – ara d-diversi sentenzi msemmija fis-sentenza appellata – illi anki jekk skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 12 ma hemmx lok ta' rikuza – anzi jista' jkun hemm addirittura divjet ta' astensjoni – tista' tinholoq sitwazzjoni li tikkuntrasta mad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu kif garantiti lilu mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

---

[3] Fir-rikors ta' appell taghhom l-appellanti, fl-intestatura tal-paragrafu enumerat 9, ighidu, evidentement bi zvista, li f'dan il-kaz *"…tezisti imparzjalita` oggettiva."*

Huwa pacifiku wkoll fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi, id-decizjoni jekk tezistix jew le imparzjalita` ai termini ta’ l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, trid tigi bbazata fuq test soggettiv, cioe` fuq il-konvinzjoni personali tal-gudikant partikolari f’kaz specifiku, u wkoll fuq test oggettiv, u cioe` jekk il-gudikant ikunx fil-kaz partikolari joffri garanziji sufficijenti sabiex jeskludi kull dubbju legittimu ta’ parzjalita`.

Fil-kaz odjern, l-appellanti mhux qed jghidu illi l-Magistrat in kwistjoni, agixxa, qed jagixxi jew bi hsiebu jew x’aktarx jagixxi *“with personal bias”* fil-kawza li huma istitwew kontra l-appellati Grech, izda semplicement li c-cirkostanzi partikolari ma jaghtux garanziji sufficjenti li jeskludu preokkupazzjoni jew dubbju legitimu in propositu. Fil-kuntest ta’ l-hekk imsejjah *“objective test of impartiality”,* il-Qorti ta’ Strasbourg fil-kawza **Hauschildt v. Denmark** (24 ta’ Mejju 1989) qalet hekk:

*“Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge’s personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused. Accordingly any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw.”* (para. 48)

U dik is-sentenza kompliet tghid hekk:

*“This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held objectively justified.”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Minn ezami tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea jidher illi fil-kuntest ta’ involviment ta’ gudikant fi stadji differenti tal-proceduri, il-kwistjoni jekk ikunx hemm imparzjalita`

oggettiva jew le tiddependi totalment min-natura u l-iskop tal-varji proceduri in kwistjoni:

*“The mere fact that Juvenile Judge Meulenbroek also made pre-trial decisions, including decisions relating to detention on remand, cannot be taken as in itself justifying fears as to his impartiality; what matters is the scope and nature of these decisions. ... ...* (**Nortier v. The Netherlands** 24 ta’ Awissu 1993, para. 33)

Fil-kaz ta’ **Hauschildt**, gia citat, il-Qorti Ewropea ghamlet distinzjoni bejn ezami tal-provi fuq bazi ta’ *prima facie* u ezami tal-provi sabiex tittiehed id-decizjoni finali:

*“Moreover, the questions which the judge has to answer when taking such pre-trial decisions are not the same as those which are decisive for his final judgment. When taking a decision on detention on remand and other pre-trial decisions of this kind the judge summarily assesses the available data in order to ascertain whether prima facie the police have grounds for their suspicion; when giving judgment at the conclusion of the trial he must assess whether the evidence that has been produced and debated in court suffices for finding the accused guilty. Suspicion and a formal finding of guilt are not to be treated as being the same.”* (para. 50).

Fil-kaz **Nortier** *supra*, il-Qorti Ewropea irriteniet illi:

*(T)he questions which Juvenile Judge Meulenbroek had to answer when taking these decisions were not the same as those which were decisive for his final judgment. In finding that there were ‘serious indications’ against the applicant his tasks was only to ascertain summarily that the prosecution had prima facie grounds for the charge against the applicant”* (para. 35).

Konsegwentement, dik il-Qorti waslet ghal konkluzjoni illi l-preokkupazzjoni tar-rikorrent, li l-gudikant ma kienx imparzjali, ma kienitx oggettivament gustifikata.

Hekk ukoll fil-kaz **Saraiva de Carvalho v. Portugal** (22 ta' April 1994), il-Qorti Ewropea irriteniet illi:

*"... ... (T)he judge in charge of the case, when issuing the despacho, was determining whether the file, including the prosecution's charges, amounted to a prima facie case such as to justify making an individual go through the ordeal of a trial. The issues which the judge has to settle when taking this decision are consequently not the same as those which are decisive for his final judgment. ... ...His detailed knowledge of the case did not mean that he was prejudiced in a way that prevented him from being impartial when the case came to trial. His function in the initial phase of the proceedings was to satisfy himself not that there was a "particularly confirmed suspicion" (see the Hauschildt judgement previously cited, p. 22 para 52) but that there was prima facie evidence (compare the "serious indications mentioned in the Nortier case previously cited, p. 16, para 35)."* (paragrafi 37 u 38; ara wkoll fl-istess sens **Sainte-Marie v. France** Qorti Ewropea 16 ta' Dicembru 1992)

Dawn il-principji gew ukoll ribaditi minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza fl-ismijiet **Meinrad Calleja v. Avukat Generali et** deciza fit-18 ta' Gunju 2003. Ghalkemm dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropea saru fil-kuntest ta' proceduri kriminali, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex l-istess konsiderazzjonijiet ma ghandhomx japplikaw fil-kuntest ta' proceduri civili.

Mill-gurisprudenza fuq citata jirrizulta illi meta l-ewwel decizjoni tal-gudikant tkun involviet biss ezami *prima facie* tal-provi, dan il-fatt wahdu ma jiggustifikax oggettivament pre-okkupazzjoni dwar l-imparzjalita` tal-gudikant, meta l-istess gudikant jigi biex jaghti d-decizjoni tieghu fil-meritu. Pero` fil-kaz ta' **Hauschildt**, aktar 'l fuq citat, il-Qorti Ewropea osservat wkoll illi *"Nevertheless, special circumstances may in a given case be such as to warrant a different conclusion"* u fil-fatt f'dak il-kaz, il-Qorti Ewropea sabet li kienu jezistu dawn ic-cirkostanzi specjali.

Konsegwentement, sabiex wiehed jasal ghal konkluzjoni jekk it-thassib ta’ l-appellanti dwar l-imparzjalita` tal-gudikant huwiex oggettivament gustifikat jew le, l-ewwel trid issir analizi tan-natura u l-iskop ta’ proceduri ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni.

Fil-kliem tal-ligi *“(l)-iskop tal-mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor, inkella milli thott jew taghmel tibdil f’bini jew f’xoghol, jew li jzomm persuna milli tidhol f’fond jew lok, jew li taghmel xi haga li tista’ tkun ta’ hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat”* u *“l-Qorti ma ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat <u>hu mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent</u>, u li dan ir-rikorrent ‘<u>prima facie</u>’ jidher li ghandu dawk il-jeddijiet”* (Artikolu 873 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, sottolinear ta’ din il-Qorti).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Giacomo Galea v. Pio Bezzina** deciza fil-5 ta’ Awissu 1954 (Vol. XXXVIII(B)-I-336, din il-Qorti kienet irriteniet:

*“Illi ghalhekk tlieta huma l-elementi li ghandhom jikkonkorru biex ikun jista’ jigi spedit il-mandat in kwistjoni; jigifieri, l-ewwel, ir-rikorrenza ta’ wiehed mill-fatti fuq enumerati enuncjati fil-ligi ... ..., imbaghad li jkun jidher ‘prima facie’ li r-rikorrenti ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-appellant li jaghmel dik il-haga li biha jista’ jarrekalu hsara jew molestja; u fl-ahharnett li l-mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrenti. Dawn huma t-tliet indagnijiet li l-Qorti ghandha taghmel f’din il-kawza, u ma ghandhiex tmur aktar ‘l hemm u tiddeciedi fuq id-dritt tar-rikorrenti; altrimenti tkun qieghda tiddeciedi l-meritu tal-kawza li ghaliha jirriferixxi l-mandat: liema meritu mhux quddiem din il-Qorti.”* (pagna 314; ara wkoll fl-istess sens **Mario Blackman v. Terence Edward Crossey** deciz mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Ottubru 1964 Vol. XLVIII-II-1254).

Gie wkoll ritenut illi id-digriet li bih tigi akkolta talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni

*"zgur mhux definittiv, ghax ma temmx il-kontroversja bejn il-partijiet, u lanqas rabat lill-gudikant; izda lanqas ma jista' jigi kunsidrat bhala interlokutorju. U tabilhaqq, lanqas ma huwa parti incidentali tal-gudizzju; izda jifforma parti biss mill-atti tal-mandat relattiv u mhux mill-atti tal-kawza, u ezawrixxa ruhu bil-hrug tal-mandat."* (**Edgar Baldacchino et v. Joseph Bellizzi** Qorti ta' l-Appell 10 ta' Awissu 1953 Vol. XXXVII(C)-I-519; ara wkoll fl-istess sens **Anthony Sammut vs. Paolo Sammut et** Qorti ta' l-Appell 18 ta' Frar 1963 Vol. XLVII(B)-I-110).

L-ghan tal-ligi huwa li bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni tipprevjeni li jitnehha, darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli, id-dritt li r-rikorrenti ikun jidher *prima facie* li ghandu. Dan ma jfissirx li l-fatt li t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tintlaqa' ikun ifisser li d-dritt huwa ippruvat. Bhalma lanqas ifisser li l-fatt li talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma tintlaqax id-dritt pretiz ma jezistix. Huwa ghalhekk illi l-procedura kontemplata fil-Kapitolu 12 biex titqies talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni hija wahda sommarja, billi m'huwiex mistenni li f'dak l-istadju jitressaq quddiem dik il-Qorti kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegh tal-kawza fil-meritu dwar l-istess dritt; u anqas ghandha l-Qorti, meta tkun qed tqis il-hrug o meno ta' tali mandat, toqghed tezamina patafjum ta' dokumenti jew tippermetti noti ta' sottomissjonijiet.

Zgur li hemm distinzjoni netta bejn ezami tal-provi *prima facie* sabiex jigi stabbilit jekk ir-rikorrenti ghandux ghall-anqas is-sembjanza ta' dak li qed jippretendi u jekk hemmx probabbilita` li dak id-dritt jigi eluz, minn ezami shih tal-provi fil-mertu sabiex jigi stabbilit jekk id-dritt vantat mir-rikorrenti/attur ikunx effettivament jezisti jew le. Il-kweziti li jrid jaghmel gudikant meta jezamina talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huma differenti minn dawk li jrid jaghmel meta jigi biex jiddeciedi l-kawza fil-meritu. Konsegwentement, ma jistax jinghad li s-semplici fatt gudikant ikun laqa' jew cahad talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni oggettivament jiggustifika xi preokkupazzjoni dwar l-imparzjalita` tieghu meta huwa jigi biex jiddeciedi l-kawza fil-meritu dwar l-istess dritt li kien is-suggett tal-

mandat ta' inibizzjoni. Inoltre, is-subartikolu (2) jirrikjedi li l-gudikant irid ikun sodisfatt li l-mandat ikun "mehtieg" ("necessary" fit-test ingliz) u mhux semplicement utili. Ghalhekk wiehed jista' jkollu jedd ghal xi haga, izda mill-banda l-ohra l-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni ma jkunx jidher li hu mehtieg.

Huwa veru li f'dan il-kaz, bhalma jigri f'bosta ohrajn bhalu, il-partijiet baqghu sejrin lill'hinn minn dak li huwa mehtieg bhala grad ta' prova ghall-htigijiet tal-mandat ta' inibizzjoni. Pero` minn imkien ma jirrizulta li l-ezami tal-provi li ghamel il-Magistrat Dr. Paul Coppini fiz-zewg proceduri ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma kienx wiehed fuq bazi *prima facie,* kif kien rikjest minnu mil-ligi. Jizdied jinghad ukoll li d-digriet moghti fis-17 ta' Gunju 2002 u li kien ighid *"Billi ma jirrizultax prima facie li r-rikorrenti ghandhom xi jeddijiet li jenhtiegu jigu kkawtelati b'dawn il-proceduri"* jitfa' l-emfazi proprjament fuq il-<u>htiega</u> tal-mandat aktar milli fuq l-ezistenza (anke jekk biss *prima facie*) tal-jeddijiet pretizi.

Fid-dawl ta' dan kollu, ma jidhirx li fil-kaz odjern jezistu xi cirkostanzi specjali li jistghu oggettivament jaghtu lok ghal thassib dwar l-imparzjalita` tal-gudikant.

Ghalhekk, dana l-ewwel aggravju ta' l-appellanti ghandu jigi michud.

Fit-tieni aggravju, l-appellanti jargumentaw – <u>ghall-ewwel darba f'dawn il-proceduri kostituzzjonali</u> - illi l-kawza li giet pprezentata minnhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tikkostitwixxi "appell" mid-digrieti li nghataw mill-istess Qorti meta din cahdet ghal darbtejn iz-zewg rikorsi intavolati minnhom ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' l-intimati Galea. Ghalhekk, skond l-istess appellanti, ma ghandux ikun l-istess Magistrat Coppini li jisma' din il-kawza, meta it-talbiet kif dedotti fir-rikors ta' l-appellanti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huma identici ghat-talbiet taghhom kif dedotti fic-citazzjoni.

Dwar dan l-aggravju ftit hemm xi tghid. Kif sewwa irrilevaw l-appellati, fil-kawza li l-appellanti istitwew kontra l-appellati Galea, l-appellanti ma humiex qieghdin jimpunjaw jew qieghdin jitolbu r-revoka taz-zewg digrieti fil-proceduri tal-mandati ta’ inibizzjoni. Huwa ovvju li l-kawza li huma intavolaw kontra l-appellati Galea hija l-kawza li, skond l-appellanti Chetcuti u Barbara, kellha ssir dwar il-meritu tal-vertenza li huma ghandhom ma’ l-istess Galea anke li kieku t-talba taghhom ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni giet milqugha. Tant hu hekk li fic-citazzjoni taghhom huma talbu, li jekk il-Qorti tqis necessarju, jigi dikjarat illi l-konvenju tas-26 ta’ Jannar 2000 ghadu vigenti – talba li huma ma ghamlux u lanqas setghu jaghmlu fiz-zewg proceduri ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Minn digriet li bih Qorti tichad il-hrug ta’ mandat kawtelatorju ma hemm ebda appell jew kontestazzjoni ohra. Jidher li f’dan il-kuntest l-appellanti odjerni kienu qed jirreferu ghal xi gurisprudenza li tipprovdi li certi tipi ta’ digrieti jistghu jigu “kontestati” biss permezz ta’ citazzjoni. Issa huwa veru li hemm gurisprudenza f’dan is-sens – ara, per ezempju, **Paul Tanti pro et noe v. Sammy Mifsud et** Qorti ta’ l-Appell, 19 ta’ Novembru 2001; **Alexander Grech et v. Mamma Mia Restaurant** Qorti ta’ l-Appell, 15 ta’ Frar 2005. Din il-gurisprudenza, izda, jidher li tirreferi principalment ghal kif wiehed jista’ “jappella” jew altrimenti jikkontesta digriet li bih tkun intlaqghet jew giet michuda talba ghar-revoka ta’ mandat kawtelatorju (illum in parti regolata mis-subartikolu (5) tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12), u mhux digriet li bih it-talba ghall-hrug ta’ tali mandat tkun giet michuda fl-ewwel lok.

Ghaldaqstant, dan l-aggravju wkoll ma hux gustifikat.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------